



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2009/2127(DEC)

13.1.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008
(C7-0198/2009 - 2009/2127(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Juan Fernando López Aguilar

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għalkemm il-Qorti tal-Awdituri mnexxielha tikseb assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (il-Kulleġġ) għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2008, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli, il-Qorti osservat li d-diffikultajiet li ġew esperjenzati fl-2008 biex issir migrazzjoni mis-sistema l-antika tal-kontabilità għall-ABAC u l-implimentazzjoni li saret tard ta' sistema xierqa ta' kontabilità għadhom jikkompromettu l-kwalità tal-informazzjoni finanzjarja rigward it-trasferimenti mis-sena ta' qabel, l-użu tad-dħul assenjat u r-rabta ma' ċerti ċifri fil-karta tal-bilanċ għall-2007; iqis kif dovut it-tweġibiet tal-Kulleġġ rigward dan il-punt speċifiku;
2. Jinsab imħasseb li għalkemm il-Qorti tal-Awdituri lit-transazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet annwali tal-Kulleġġ qisithom bħala legali u regolari, enfasizzat ukoll l-eċċezzjonijiet li ġejjin li għandhom jiġu nnutati kif xieraq: proċedura ta' akkwist irregolari (il-Kulleġġ ikkuntratta b'mod dirett servizzi ta' konsultazzjoni ma' fornitur fuq il-bażi ta' kuntratt ta' qafas tal-Kummissjoni maħsub għas-servizzi ta' taħriġ, bil-valur tal-kuntratt jammonta għal EUR 96,000); għadd kbir ta' infrazzjonijiet tar-regoli amministrattivi u finanzjarji applikabbli f'dak li jirrigwarda n-nefqa għall-organizzazzjoni ta' korsijiet u seminars u serje ta' impenji li l-impenji legali għalihom kienu nieqsa jew in-nuqqas ta' impenji baġitarji qabel l-impenji legali; iqis kif dovut it-tweġibiet tal-Kulleġġ rigward dawn il-kwistjonijiet imma jilmenta mill-fatt li t-tweġibiet tiegħu ma jidentifikawx b'mod adegwat il-miżuri speċifiċi meħuda u applikati biex il-problemi jiġu riżoluti malajr;
3. Jiddispjaċih li, kif tirrimarka l-Qorti fil-kummenti tagħha, ma ġiex illanċjat kontroll ex post minn kumpanija esterna l-anqas f'nofs l-2009 (wara li fir-rapport tas-sena finanzjarja 2007 il-Qorti kienet sabet li kien hemm każijiet ta' approprjazzjonijiet li ġew użati biex jiffinanzjaw infieq privat); jistieden lill-Kulleġġ biex jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura li kontroll bħal dan jitwettaq malajr kemm jista' jkun ħalli dan in-nuqqas ma jerġax jidher fir-rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għall-2009;
4. Jenfasizza, bħal fis-snin ta' qabel, il-ħtieġa li l-Kulleġġ jikkonforma strettament mar-Regolament Finanzjarju u mal-leġiżlazzjoni tal-KE rigward l-akkwist pubbliku u li jtejjeb l-immaniġġjar finanzjarju tiegħu;
5. Jinnota li fis-snin li ġejjin il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għandha tiġi bbażata aktar fuq il-prestazzjoni tal-Kulleġġ matul is-sena;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.1.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sonia Alfano, Roberta Angelilli, Vilija Blinkevičiūtė, Emine Bozkurt, Simon Busuttil, Carlos Coelho, Rosario Crocetta, Tanja Fajon, Hélène Flautre, Kinga Göncz, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Jeanine Hennis-Plasschaert, Salvatore Iacolino, Timothy Kirkhope, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Claude Moraes, Carmen Romero López, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Wim van de Camp, Renate Weber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Anna Maria Corazza Bildt, Ioan Enciu, Nadja Hirsch, Monika Hohlmeier, Stanimir Ilchev, Iliana Malinova Iotova, Petru Constantin Luhan, Mariya Nedelcheva, Raül Romeva i Rueda, Cecilia Wikström